MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Numru. 817/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Radwan Hijazi, ta' 18 il-sena, iben Radwan u Moira nee Cassar, imwieled gewwa Pieta nhar id-29/06/1993, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 288793M u residenti 'Sun Blossom' Flt 4, Triq Angelo Melilli, Zebbug**

**Shawn Bugeja, ta' 15 il-sena, iben Kevin u Caroline nee` Mizzi, imwieled gewwa Pieta nhar id-19/08/1995, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 348595M u residenti gewwa Blk X2 Flt 3, Triq id-Deheb Fin, Qormi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzimigjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli:

Nhar l-10 ta' Lulju 2011, ghal habta tat-tmienja neqisn hames minuti ta' filghaxija (19:55 hrs), gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommettew serq minn gewwa l-hanut '141 Internet Cafe' ghad-dannu ta' Catherine Falzon, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbex mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina penali kwazi nadifa tal-imputati, il-fatt illi r-resfurtiva giet ritornata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u fil-konfront ta' l-imputat Shawn Bugeja l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed

tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huma jonqsu milli jsegwu xi kondizzjoni imposta fuqhom f’din l-ordni jew jekk huma jonqsu milli jsegwu xi ordni mghotija lilhom mill-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------